C/2025/6712

17.12.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Diċembru 2025

li taħtar żewġ membri u tliet membri supplenti tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija

(C/2025/6712)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/942 jipprevedi li l-Kunsill jaħtar ħames membri u s-supplenti tagħhom fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (il-"Bord Amministrattiv").

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/942 jipprevedi li membru tal-Bord Amministrattiv ma jistax ikun membru tal-Bord tar-Regolaturi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija u li l-membri tal-Bord Amministrattiv għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u oġġettiv fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi.

(3) Minħabba l-iskadenza tal-mandat ta' żewġ membri u tliet membri supplenti tal-Bord Amministrattiv maħtur mill-Kunsill, jenħtieġ li jsiru ħatriet ġodda biex jissostitwixxuhom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura bħala membri tal-Bord Amministrattiv għal perjodu ta' erba' snin mit-28 ta' Jannar 2026:

— Is-Sur Václav BARTUŠKA, iċ-Ċekja,

— Is-Sur Jorge SOUSA, il-Portugall.

Artikolu 2

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura bħala membri supplenti tal-Bord Amministrattiv għal perjodu ta' erba' snin mit-28 ta' Jannar 2026:

— Is-Sur Atanas GEORGIEV, il-Bulgarija,

— Is-Sur Boris MAKŠIJAN, il-Kroazja,

— Is-Sur Oliver PÚČEK, is-Slovakkja.

[1] ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/942/oj.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

J. JENSEN